**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju 2018**

**Talba Nru: 556/17 CZ**

**Advertasia Services Limited (C-3477)**

**vs.**

**Michael Balzan (ID 977049 (M) kemm f'ismu personali kif ukoll bhala direttur tas-socjeta' Garage Door Services Ltd (C-53926)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-14 ta' Dicembru 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu elf, mija u tmenin Euro (€1,180) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti u dan kif ahjar jirrizulta mill-fattura numru 11551 datata l-1 ta' Novembru 2016 fl-ammonta ta' €413 (hawn annessa u mmarkata bhala

Dok. 'A'); il-fattura numru 11749 datata t-2 ta' Jannar 2017 fl-ammont ta' €354 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B') u l-fattura numru 11896 datata l-1 ta' Marzu 2017 fl-ammont ta' €413 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'C') liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazjonijiet lilu maghmula.

Bl-ispejjez kollha tal-prezenti kif ukoll ta' l-ittra gudizzjarja datata s-26 ta' Mejju 2017 (Ittra numru 1454/2017) sottomessa fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. 'D' bl-imghax bl-ghola rata permessibbli bil-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuti, debitament notifikati, ma pprezentawx risposta u lanqas dehru quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u tmenin Euro (€1,180) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuti.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur